MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 8/1997/1

Domenico Savio sive Savio u Theresa sive Tessie konjugi Spiteri

vs

1. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u Ghawdex jew ir-Rapprezentant tieghu sive Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u Ghawdex jew ir-rapprezentant tieghu;
2. Grace armla ta' George Attard u b'digriet tad-9 ta' Settembru 2004 l-gudizzju gie trasfuz f'isem Patrick Attard stante l-mewt tal-konvenuta Graziulla armla ta' George Attard fil-mori tal-kawza;
3. Patrick Attard;
4. Direttur tar-Registru Pubbliku;

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi konjugi Spiteri li taqra:

“ 1. Illi huwa minnu li permezz ta’ kuntratt tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru tal-elf disa’ mija u tlieta u disghin (1993) fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr Paul George Pisani l-atturi akkwistaw minghand il-konvenuti Grace Attard u dak iz-zmien haj, imma illum mejjet, George Attard, il-fond numru disgha (9) gja numru tmienja (8) Triq ir-Rabat, Xlendi, limiti Munxar, Ghawdex, skond ma jirrizulta mid-dokument ‘A’ esebit fl-atti tas-subbasta numru 23 tal-1996;

2. Illi dan il-bejgh fil-verita’ sar fuq ammont miftiehem ta’ tletin elf lira Maltija (Lm30,000) li minnhom ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) thalsu mal-konvenju li kien sar madwar tliet xhur qabel u redatt mill-Avukat Dr Paul Coppini (illum Magistrat). It-tieni ammont ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) thalsu wkoll lill-konvenuta GraceAttard fil-prezenza tan-Nutar Dr Paul George Pisani u l-Avukati Dr Alfred Grech u Dr Paul Coppini;

3. Illi kien ghad baqa’ daqstant bilanc ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) wara li sar dan il-kuntratt li minnhom effettivament l-atturi hargu s-somma ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) lil Grace Attard fil-prezenza ta’ l-Avukat Dr Alfred Grech. Illi ghalhekk jigi li kien ghad fadal bilanc x’jithallas is-somma ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) liema ammont kellu jithallas lill-konvenuta Grace Attard u naturalment lil binha Patrick Attard;

4. Illi ghalhekk hemm dizgwid serju fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-konvenuti Grace u Patrick Attard tad-9 ta’ Novembru 1996 fl-atti tas-subbasta numru 23/1996 meta dawn irritenew illi l-bejgh in kwistjoni kien sar bil-prezz ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) u li minn dik is-somma l-ammont ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) kellha tithallas fi zmien sena u nofs u r-rimanenti hamest elef lira Maltija (Lm5,000) fi zmien sentejn mid-data ta’ l-att minghajr imghax li allura a bazi tal-premessi fuq indikati l-atturi gja halsu dan l-ammont billi effettivament l-ammont li thallas ghall-fond in kwistjoni kien jammonta globalment ghas-somma ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000);

5. Illi ma huwa minnu xejn dak ritenut fl-atti tas-subbasta numru 23/1996 fl-ismijiet Grace armla ta' George Attard u bint il-mejtin Salvu Spiteri u Nazzarena nee' Gatt imwielda Kercem, Ghawdex, u toqghod Victoria, Ghawdex; Patrick Attard, minghajr okkupazzjoni, iben George Attard u Grace nee' Spiteri imwieled Napli, l-Italia, u residenti Sannat, Ghawdex: 18 Triq it-Tomba, Victoria, Ghawdex -vs- Savio Spiteri, fil-kummerc, iben John u Josephine nee' Sultana, imwieled u joqghod Fontana, Ghawdex, meta gie ritenut illi l-atturi halsu biss hamest elef lira Maltija (Lm5,000) u li kien ghad baqalhom bilanc ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) ohra b'effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) eskluz l-imghax mill-istess data sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, u dana minhabba skond kif jigi pruvat fil-mori tal-kawza l-atturi diga' effettivement halsu l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000);

6. Illi huwa minnu li l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond numru 69, Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, li hija r-residenza ewlenija u ordinarja taghhom, kif jirrizulta manifestament ukoll li l-atturi huma proprjetarji ta' fondi ohra inkluz il-fond citat u cioe' numru disgha (9) gia numru tmienja (8) Triq ir-Rabat, Xlendi, limiti Munxar, Ghawdex, illi kieku ghall-grazzja tal-argument riedu jsiru xi proceduri ta' subbasta setghet facilment inqabdet dik il-proprjeta' u mhux tigi attakkata tar-residenza ordinarja tal-konjugi Spiteri, li ghal dan l-iskop Grace u Patrick Attard qeghdin jinzammu ghal kwalsjasi forma ta' danni li l-istess atturi sofrew, qieghdin isofru u/ghad isofru;

7. Illi m'hemm ghalhekk ebda gustifikazzjoni fil-ligi illi l-konvenuti Grace u Patrick Attard iridu li l-fond numru 69 Triq il-Ghajn Fontana, Ghawdex, jinbiegh b'licitazzjoni sabiex mir-rikavat jithallas id-debitu fuq imsemmi u dana b'imbilli cifra b'cifra kieku ghall-grazzja tal-argument il-konvenuti Attard vera kellhom ragun, kien hemm proprjeta' ohra li setghet facilment taghmel tajjeb u mhux wiehed jirrikorri ghar-residenza ordinarja u ewlenija tal-konjugi atti Spiteri;

8. Illi ghaldqastant, it-talba lill-Onorabbli Qorti hawn indikata ma kellhiex tintlaqa' sabiex isir il-bejgh b'licitazzjoni tal-fond numru 69, Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, u dana iktar u iktar meta diversi persuni interessati jafu bi kwistjonijiet ohra pendenti li hemm ghaddejjin u li allura dana jista' jitqies bhala att abusiv milli b'xi att li huwa konformi mal-ligi;

9. Illi nhar it-22 ta' Ottubru 1996, il-Qorti innominat lill-AIC Guido J. Vella sabiex jaghmel stima u deskrizzjoni tal-immobbli kif ukoll jindika xi pizijiet li l-fond jista' jkun suggett ghalihom kif ukoll l-ahhar trasferiment ta' l-istess u tiffissa l-jum tal-21 ta' Novembru, 1996, fit-3.00 ta' filghaxija bhala l-jum u l-hin li fih ghandu jinzamm access;

10. Illi n-notifika tad-digriet tal-Qorti fil-paragrafu precedenti gie ordnat biex ikun notifikat lill-partijiet, inkluz lill-imsemmi Perit Tekniku, kif ukoll avviz lid-Direttur Tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 306 tal-Kap 12;

11. Illi stante li qed jigu kkontestati dawna l-atti tas-subbasta numru 23/1996, kif ukoll hemm fin-nofs id-Direttur tar-Registru Pubbliku, id-Direttur tal-Qorti tal-Gustizzja sive Registratur tal-Qorti kif ukoll id-Direttur tar-Registru Pubbliku qeghdin jigu wkoll imharka bhala konvenuti f'din il-kawza odjerna ghal kull interess li jista' jkollhom;

12. Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 1996, l-Avukat Dr. Aaron Attard Hili permezz ta' ittra ghan-nom tal-atturi, indika li l-atturi kienu lesti li jonoraw kwalsijasi ammont bilancjali li kien baqa' jithallas li f'dak il-mument tali ammont ma setghux jigu verifikati, li pero' minn konteggi illi saru fil-frattemp l-atturi illum jistghu jikkonfermaw li kull ma baqalhom ihalsu huwa biss l-ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000), li dawn jinsabu f'qaghda li jhallsuhom;

13. Illi l-atturi qeghdin b'daqshekk jikkonfermaw li huma veru debituri fil-konfront tal-konvenuti Attard fl-ammont ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000), imma li dawn l-hamest elef lira Maltija (Lm5000) m'humiex dovuti ghat-termini ta'

kif gew esposti l-fatti fir-rikors ta’ Grace u Patrick Attard fl-atti tas-subbasta numru 23/1996, u ghaldaqstant iridu li dina l-Onorabbli Qorti tivverifika l-fatti sew kif kienu, biex l-ammonti bilancjali dovut ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5000) jinghata fid-dawl ta’ ghaliex ezatt huma dovuti u mhux a bazi tal-fatti kif sehhew l-affarjiet, kif jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

14. Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza biex l-atti tas-subbasta numru 23/1996 fl-ismijiet kif hawn fuq indikati jigu ddikjarati nulli minhabba l-fatti ndikati fihom huma inezistenti bhala fatt u allura ma joholqux l-obbligu legali kif hemm indikati fihom;

Ighdu ghalhekk il-konvenuti kollha, specjalment Grace u Patrick Attard, ghala dina l-Qorti m’ghandhiex taqta’, tiddeciedi u tordna:

(a) illi l-atti tas-subbasta numru 23/1996 ta’ din il-Qorti fl-ismijiet: Grace armla ta’ George Attard u bint il-mejtin Salvu Spiteri u Nazzarena nee Gatt, imwielda Kercem, Ghawdex, u toqghod Victoria, Ghawdex; Patrick Attard, minghajr okkupazzjoni, iben il-mejjet George u Grace nee’ Spiteri, imwieled Napli, l-Italia, u residenti Sannat, Ghawdex: 18 Triq it-Tomba, Victoria, Ghawdex -vs- Savio Spiteri, fil-kummerc, iben John u Josephine nee’ Sultana, imwieled u joqghod Fontana, Ghawdex: 69 Triq il-Ghajn Fontana, Ghawdex, huma nulli minhabba li jirreferu ghall-fatti li fil-verita’ huma inezistenti, u dana kif jirrizulta mill-provi f’din il-kawza;

(b) illi l-ammont ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5000) li l-konvenuti Attard qed jippretendu li ghandhom jiehdu, m’humiex dovuti ghar-ragunijiet kif indikati fl-istess rikors taghhom tad-9 ta’ Ottubru, 1996, fl-atti tas-subbasta ndikati fit-talba precedenti u ghalhekk tali ammont ma’ jista’ qatt fic-cirkostanzi jkunu dovuti;

(c) illi taht kull cirkostanza qatt ma kien gustifikat li tigi maqbuda l-proprjeta’ numru 69 Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, li hija r-residenza ewlenija u ordinarja ta’ l-atturi konjugi Spiteri meta fic-cirkostanzi seta’ facilment, kieku

kienu dovuti, inqabdet il-proprjeta' li proprju nxtrat fl-ammont kif indikat fir-rikors tal-konvenuti Attard;

(d) illi r-rikors tal-konvenuti Attard fl-atti tas-subbasta numru 23/1996 dekretat nhar it-22 ta' Ottubru 1996 huwa fic-cirkostanzi null minhabba li gie mibni fuq fatti inezistenti u fatti inezistenti bl-ebda mod ma jaghtu lok ghal xi jedd li xi hadd jippretendi meta m'hemmx holqa li tghaqqad dan il-jedd ma' fatt li jkun tabilhaqq sehh precedentement u ghalhekk tali proceduri tas-subbasta ghandhom jigu dikjarati bhala nulli, invalidi u bla effett taht il-ligi u bhala fatt;

(e) illi dina l-Qorti ghandha tinnomina esperti jekk jidrilha xieraq u opportun biex jillikwidaw id-danni sofferti u qed isofru u/ghad jistghu jsofru l-atturi konjugi Spiteri minhabba l-abbuz li sar fl-intavolar tar-rikors tal-konvenuti Attard fl-atti tas-subbasta numru 23/1996;

(f) illi dina l-Qorti ghandha taghti kwalsijasi provvediment ulterjuri, fid-dawl tat-talbiet tal-atturi li jidrilha xieraq u opportun li taghti fic-cirkostanzi skond kif irrizultaw fis-smigh tal-provi f'din ic-citazzjoni odjerna;

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji kontra l-konvenuti kollha specjalment Grace u Patrick Attard, liema konvenuti jigu minn issa ngunti in subizzjoni;

B'riserva ta' kwalsijasi azzjoni ohra ta' danni spettanti lill-atturi konjugi Spiteri kontra l-konvenuti jew min minnhom specjalment Grace u Patrick Attard.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja li eccepixxa:

1. Ii salvi u mpregudikati l-eccezzjonijiet kollha li jistghu jinghataw dwar l-irritwalita' tac-citazzjoni, l-ebda menzjoni ma hemm fic-citazzjoni dwar xi ghemil allegatament irregolari ta' membri tal-Qrati fid-dipartiment fid-dipendenzi

tal-eccipjenti, u l-ebda wahda mit-talbiet ma hija diretta kontra tieghu jew tista' tigi sodisfatta minnu jew minn membri tal-istaff tieghu;

2. li l-eccipjenti esegwixxa biss ordnijiet tal-Qorti kif hu dmir tieghu u mhux kompitu tieghu li jikkontrolla jekk dak li ordnat il-Qorti hux validu jew null, ghaliex hu ma jistax jeligi ruhu ghall-gudikant;

3. li ghalhekk id-domandi in kwantu diretti kontra tal-eccipjent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

4. salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Grace armla ta' George Attard u Patrick Attard:

1. li preliminarjament l-procedura adottata mill-atturi hija rrita u nulla in kwantu kif jidher evidenti mill-kontenut tal-istess din saret unikament sabiex tistultifika u ggib fix-xejn l-esekuzzjoni tat-titolu tal-eccipjenti u mhux ghaliex verament hemm x'interess sabiex jitharsu xi jeddijiet tal-atturi;

2. li preliminarjament ukoll in-nullita' u l-ineffikacja tat-talbiet attrici billi r-raguni li hemm proprjetajiet ohra li dwarhom jistghu jesegwixxu l-atturi ma hix valida sabiex izommu l-prosegwiment tas-subbasta. Se mai l-atturi kellhom isegwu l-procedura stabbilita bl-Artikolu 353 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. li fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan billi l-ammont reklamat mill-eccipjenti huwa realment u gustament dovut lilhom.

4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-elenku tax-xhieda.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta li bih ordnat l-isfilz tan-nota ulterjuri tal-konvenuti (folio 195);

Rat ukoll id-digriet tal-istess Qorti kif gja preseduta (folio 199) datat 23 ta' April 2003 fejn assteniet li tkompli tisma' l-kawza li giet rimessa quddiem din il-Qorti kif preseduta;

Rat ir-rikors tal-konvenuti (folio 225) ghal-legitimazzjoni tal-atti stante l-mewt fil-mori tal-konvenuta Grazia Attard u d-digriet sussegwenti ta' din il-Qorti li bih awtorizzat il-legitimazzjoni tal-atti f'isem Patrick Attard;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' dina c-citazzjoni l-atturi qed jittentaw jannulaw is-subbasta numru 23/1996 li, jigi puntwalizzat, l-atti taghha mkien ma' jinsabu esebiti in atti. L-atturi pero' qeghdin sostanzjalment, kif jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni u l-fatti esposti fid-dikjarazzjoni taghhom annessa, jitolbu n-nullita' taghha minn zewg aspetti, cjoe': (a) li l-atti tas-subbasta jirreferu u huma msejjsa fuq fatti inezistenti; (b) li tali subbasta giet proposta relattivament il-fond 69, Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, u mhux rigward il-fond numru 9, Triq ir-Rabat, Xlendi, li huma jippremettu jikkostitwixxi l-origini tad-debitu li ta lok ghas-subbasta. It-talbiet l-ohra taghhom huma konsegwenzjali u ininfluwenti ghal dan li huwa l-meritu primarju tac-citazzjoni.

Illi apparti kull konsiderazzjoni ohra ta' fatt u ta' dritt a folio 172 l-konvenuti tramite l-avukat taghhom, il-wisq kompjant Avukat Michael Grech, kienu ivverbalizzaw li "fil-mori ta' din il-kawza l-attur Savio Spiteri ssalda l-kreditu li kien mertu tas-subbasta numru 23/96 u konsegwentement l-

istess konvenuti rtiraw it-talba taghhom ghas-subbasta”. Zdied pero’ jinghad li “madanakollu billi fil-frattemp lahqu ntervenew fl-istess subbasta kredituri ohra, l-istess subbasta tkompliet u ghada pendenti proprju a distanza ta’ dawn il-kredituri…”. Mir-risposta tal-atturi Spiteri, kontenuta fl-istess verbal, jirrizulta li dawn baqghu jinsistu fuq it-talba ghan-nullita’ tas-subbasta tant li ddikjaraw li huma halsu taht protest.

Illi f’dan l-istadju l-Qorti ser taghmel referenza ghal tliet artikoli tal-Kap 12 li tqis li huma ta’ rilevanza f’din il-kawza: l-ewwel artikolu hu l-Artikolu 326. Jidher mill-atti tac-citazzjoni li d-disposizzjoni tas-subinciz (2) tieghu gie rispettat bid-depozitu ta’ somma f’idejn ir-registratur mill-atturi sabiex titwaqqaf is-subbasta. Idem li r-rikors tat-twaqqif irrispekkja t-terminu tas-subinciz (3). M’hemm ebda kontestazzjoni dwar dan mill-konvenuti; it-tieni artikolu hu l-Artikolu 353 li fis-subartikolu (2) tieghu jghid - “jigi wkoll imwaqqaf l-irkant ta’ l-immobbli mitlub mill-kreditur kemm-il darba d-debitur jipprezenta mmobbli iehor li jkun bizzejjed biex bih jithallas il-kreditur, bla ebda xkiel jew tfixkil”. Ma jirrizulta minn imkien li l-atturi utilizzaw din il-procedura u ghalhekk l-aggravju taghhom sakemm ibbazat fuq il-fatt li gie mitlub l-bejgh bl-irkant tal-fond residenzjali taghhom ma jaghmilx test u kwindi ma tistax tigi akkolta din il-pregudizzjali taghhom; it-tielet artikolu hu l-Artikolu 346 li jipprovdi li “kull kreditur iehor jista’ permess ta’ nota li tigi prezentata lill-ezekutant u lid-debitur, jidhol fl-atti tal-irkant bhala ezukutant iehor, u dan l-ezekutant l-iehor ikollu l-istess jeddijiet u obbligazzjonijiet daqs li kieku kien l-ezekutant originali [b’dan li] kull ezekutant jista’ jkompli l-atti ta’ l-irkant indipendentement mic-cessjoni ta’ kull ezekutant iehor jew mill-mewt tieghu”. Issa li hemm kredituri ohra minn imkien, ghajr il-verbal tal-avukat tal-konvenuti, ma jirrizulta. Veru li l-atturi ma kkontestawx l-affermazzjoni izda veru wkoll li din il-Qorti mhiex f’posizzjoni tivverifika, f’kull kaz, jekk dawn it-terzi kredituri segwew il-procedura stabbilita li tatribwixxi lilhom l-vesti ta’ ezekutant iehor apparti l-konvenuti. Ergo, minn dan l-aspett, ma jidhirx li hemm ostakolu ghat-twaqqif tas-subbasta. Mhux hekk pero’ in kwantu ‘n-nuqqas ta’ impediment legittimu iehor’ li jista’ jiggustifika tali ordni ta’

twaqqif jew aktar id-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' l-atti tas-subbasta. Issa dan qieghed jinghad ghall-fatt li l-atturi qeghdin ukoll isostnu n-nullita' minhabba li l-atti tas-subbasta "jirreferu ghall-fatti li fil-verita' huma inezistenti". Din l-allegazzjoni l-atturi kellhom l-oneru li jippruvawha. Fil-kuntest ta' dan il-Qorti fehmet li l-atturi sostnew dan billi qed jghidu li z-zewg kuntratti esebiti a folio 88 et seq huma simulati billi jsostnu li n-negozju kien jinvolvi biss kompravendita tal-fond ix-Xlendi ghal prezz ta' Lm30,000 li l-atturi jsostnu li halsuh kollu kemm hu.

Illi anka jekk dan kellu jirrizulta, li l-Qorti ma jidrilhiex li rrizulta sodisfacentement fuq il-provi quddiemha. Jibqa' inkontrovertibbli l-fatt li l-kawza hi proposta sabiex tigi dikjarata nulla s-subbasta u mhux sabiex jigu dikjarati nulli jew annullabli l-kuntratti. Anki hawn, fl-ahjar ipotesi ghall-atturi, li jista' talvolta jkun hemm hi s-simulazzjoni relattiva li ma ggibx in-nullita tal-kuntratt izda kuntrarjament isostnih bhala wiehed validu u vinkolanti. Tabilhaqq ukoll sabiex l-atturi jsostnu s-simulazzjoni huma kellhom jintavolaw proceduri 'ad hoc'. L-ebda menzjoni u wisq anqas prova li dan sar ma' tirrisulta mill-atti. Invece li jirrisulta hu dak li jisemma aktar 'il fuq u cioe' li l-konvenuti rrinunzjaw ghas-subbasta fil-konfront tal-atturi u li fir-rigward l-istess atturi rrinunzjaw ghall-bejgh bl-irkant tal-fond tar-Rabat proprjeta' tal-atturi. Huwa dan il-fond biss li jikkostitwixxi l-meritu tas-subbasta 23/96 li ghaliha tirreferi din il-kawza.

Mill-kumplament l-atturi ma gabu ebda prova ghall-akkoljiment tat-talbiet l-ohra li f'kull kaz kienu jirnexxu biss li kieku l-atti tas-subbasta rrizultaw nulli, haga li din il-Qorti ma tirrijavisax.

In vista ta' dan ghalhekk il-Qorti qeghdha tichad it-talbiet kollha tal-atturi kompriza t-talba li tiddikjara l-atti tal-irkant nulli anka fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, id-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja u d-Direttur tar-Registru Pubbliku, stante wkoll li dawn ta' l-ahhar m'ghandhomx 'locus standi' fil-gudizzju u tharku inutilment. Tastjeni izda li tordna t-twaqqif tal-bejgh u thalli dan il-punt impregudikat fil-konfront tal-atturi.

Spejjez a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------